**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 1 Ta' Frar 2018**

**Pulizija**

**Spettur Chantelle Casha**

**Vs**

**Clint Dalton**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Clint Dalton ta' 27 sena, bin Jason Dalton u Therese xeba Zahra, mwieled Pieta' nhar is-27 t'Awwissu 1989 u residenti fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 416489(M);

Talli nhar it-8 ta' Lulju 2017, ghall-habta ta' 19:00hrs gewwa l-Facilita' ta' Kordin:

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Ahmad Abdalla Yakoup u cioe' griehi ta' natura gravi jew igibilha disordni f'mohha hekk kif iccertifikat minn Dr. Jessica Coppini Reg. No. 5713 minn Sptar Mater Dei;

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall-persuna ta' Ahmed Abdalla Yakoup sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici bi ksur tal-Artiklu 339(d) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9;

3) U aktar talli ghamel lil Ahmed Abdalla Yakoup injurji jew theddid u jekk kien provokat, hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

4) Il-Qorti hija gentilment mitluba li tapplika l-artiklu 33A tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija titratta lill-imputat Clint Dalton bhala persuna li sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liem sentenzi kienu moghtija lil Clint Dalton u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

6) Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 214, 216, 339(1)(d) u (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat il-verbal tas-seduta ta' llum stess, fejn saret rinunzja mill-parti leza, liema rinunzja qed issir ukoll mill-imputat fi proceduri f'ismijiet inversi;

Din il-Qorti rat, li l-offizi fuq ix-xhud ma hallew l-ebda dannu/ferita permanenti kif iddikjara l-istess xhud, ghalhekk tiddikjara dawn il-proceduri ezawriti.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**